Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Cordina)**

**vs**

**Anthony Formston ta' 35 sena, iben Anthony u Carmen nee Fenech, mwieled Pieta' fit-18 ta' Novembru, 1967, u joqghod 177/13 St Christopher Street, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 476667 M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Anthony Formston li gie akkuzat talli fis-6 ta’ Gunju, 2003 fil-Belt Valletta xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbha b’qerq.

Talli fl-istess cirkustanzi bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xihaga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil-/jew taht il-ligi ta’ Malta.

B’hekk sar recidiv ghat-termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kop 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie kkundannat b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati.

Il-Qorti giet mitluba biex f’kaz ta’ htija, tikkundanna lil Anthony Formston ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti f’dawn il-proceduri.

Il-Qorti giet gentilment miltuba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Rat l-art 298, 298B, 17 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-koperazzjoni tieghu.

Tikkundannah ghal Multa ta’ Lm 60.

Tordna l-konfiska tas-CD’s esebiti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------